Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 - 21237031

**FRAR 2009** **NUMRU 240**

# MADWARNA

**Sena Pawlina** - Wasal ix-xahar mistenni ta' Frar li fih se jkun hemm attivitajiet biex niċċelebraw is-Sena Pawlina. Il-Ħadd 8 ta' Frar, il-Knisja se torganizza liturġija mmexxija mill-Isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, l-Belt u katekeżi mibnija fuq seba' ittri ta' San Pawl f'seba' knejjes fil-Belt. In-nies li jidħlu l-Belt se jingħataw mappa fejn se jsiru dawn il-katekeżi u l-liturġija biex ikunu jistgħu imorru minn Knisja għal oħra fejn ikunu qegħdin jiġu rripetuti minn żmien għal żmien il-katekeżi. Inħajjru kemm nistgħu nies biex jattendu. Nużaw din l-okkażjoni biex inkomplu nikbru spiritwalment u biex nitolbu l-interċessjoni ta' San Pawl ħalli l-Maltin ikomplu jgħożżu l-fidi u jkunu mezz ta' evanġelizzazzjoni.

**San Franġisk de Sales -** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales, Patrun tal-ġurnalisti, l-Leħen is-Sewwa organizzat Quddiesa għal dawk kollha li jaħdmu fil-mezzi ta' komunikazzjoni. Din hi tradizzjoni sabiħa li baqgħet iżżomm il-Leħen is-Sewwa. Din is-sena l-Quddiesa ġiet iċċelebrata mill-Eċċelenza Tiegħu Mons. Mario Grech Isqof t'Għawdex.

**San Ġwann Bosco -** Fl-ewwel ta' Frar se niltaqgħu għal ikla flimkien ma' l-Assistenti Ekkleżjastiċi biex nirringrazzjawhom għas-servizz li jagħtuna. Din id-data hija viċin il-festa ta' San Ġwann Bosco, il-Patrun ta' l-Assistenti Ekkleżjastiċi.

**Stedina mill-FIAC -** Miriam Teuma, l-Viċi President Ġenerali u Marvic Debono, President ŻAK, ġew mistednin mill-Federazzjoni Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika biex jiltaqgħu ma' żgħażagħ oħrajn u jiddiskutu kif jagħmlu użu aħjar tal-programm ta' l-Unjoni Ewropeja mfassla biex jgħinu liż-żgħażagħ jaħdmu aktar flimkien.

**Irtir –** Numru sabiħ ta' membri inkitbu biex jattendu l-irtir li se jiġi organizzat għal aħħar ta' Frar, tant li qegħdin nippruvaw insibu post ieħor biex inkunu nistgħu nilqgħu aktar nies. Dan l-irtir se jkun immexxi minn Mons Pawl Vella l-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali. Din hi okkażjoni sabiħa biex l-Assistent Ekkleżjastiku tagħna jgħinna nikbru fl-imħabba lejn Kristu. Issibu aktar dettalji f'din l-Information Sheet.

**Naqdu fis-sawm u fit-talb –** Hekk għallmitna Anna, il-profetessa li kienet preżenti fil-ħin li Ġesu' ġie ppreżentat fit-tempju. Din kienet armla ta' erbgħa u tmenin sena li tilfet lil żewġha wara biss seba' snin ta' żwieġ 'u ma kienetx toħroġ mit-tempju, u kienet isservi 'l Alla bil-lejl u bin-nhar bis-sawm u bit-talb'. Anna għandha tkun l-eżempju tagħna. Is-sejħa tagħna hi li nservu lil Alla fit-talb waqt li noffru s-sagrifiċċji li nagħmlu biex inwettqu x-xogħol tagħna. Anna kienet l-ewwel waħda li 'tkellmet fuq Kristu ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Israel'. Bħala, aħna wkoll għandna nxandru lil Kristu ma' kull min niltaqgħu kemm bil-kelma kif ukoll bl-eżempju.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

**Irtir Għal Kullħadd**
**Mill-Ġimgħa 27 ta' Frar filgħaxija sal-Ħadd 1 ta' Marzu filgħodu**
**Il-Lunzjata Limiti tar-Rabat**
**Il-Predikatur se jkun Mons. Pawl Vella**
**Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika.**

## Attivitajiet għax-Xahar ta' Frar 2009

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 5 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 flimkien mal-Presidenti taċ-Ċirkoli. |
| | Kumm. Ħidma Morda | Forum – Jum il-Marid fis-18:00, Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ġimgħa 6-8 | ŻAK | CRE8- live-in għall- membri taż-ŻAK ta' 20 sena il-fuq. |
| L-Erbgħa 11 | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fil-17:30. |
| | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-18:00. |
| Il-Ħamis 12 | Fergħa Nisa/ SAS | Laqgħat SAS – Delegati SAS u Kumitati |
| Il-Ġimgħa 13 | Direttorju | Laqgħa għall-Membri tad-Direttorju fis-18:00. Isititut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħadd 15 | Fergħa Xebbiet | High Tea (Dettalji f'Ċirkolari) |
| | Gruppi Koppji Rabat | Nofs ta' nhar Irtir bejn id-9:00 u 12:30 f'Depiro Youth Centre, Rabat. Imexxi Fr Vince Fenech. Ikun hemm Quddiesa, Talk u Adorazzjoni. |
| It-Tnejn 16 | Fergħa Rġiel | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| | Ż.A.K. | Laqgħa għal membri taż-ŻAK ta' 20 sena 'l-fuq ma' Mons Paul Vella. |
| Il-Ħamis 19 | Fergħa Xebbiet | Laqgħa ta' Formazzjoni fis-18:00. |
| | FergħaNisa/ SAS | Laqgħat SAS – Delegati SAS u Kumitati |
| | Kummissjoni Ħidma Morda | Forum Jum il-Marid – fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tnejn 23 | ŻAK | Carnival party għall-membri taż-ŻAK li għandhom bejn 10 u 14 il-sena. |
| Il-Ħamis 26 | Fergħa Nisa /SAS | Laqgħat SAS – Delegati SAS u Kumitati |
| | Grupp Koppji Żabbar | Għall-ewwel darba – ftuħ Koppji Zabbar A.K fis-Sala Santa Bernardette, Triq is-Santwarju, Żabbar, fis-19:00. (Il-Koppji jibdew jiltaqgħu kull nhar ta' Ħamis.) |
| Il-Ġimgħa 27 | Direttorju | Laqgħa għall-Membri tad-Direttorju fis-18:00. Isititut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 5 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |

**Adorazzjoni Ghal Vokazzjonijiet**

Fis-Seminarju tal-Virtu' Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-17:30 u s-18:30. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.
Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851.
Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

**Eżerċizzi Spiritwali Għar-Romol**
**Il-Kummissjoni Romol tal-Fergħa Nisa ta' l-Azzjoni Kattolika qed torganizza tlett ijiem Eżerċizzi għar-Romol kollha fis-Sala Mons. Dandria, fl-Istitut Kattoliku Floriana, nhar it-Tnejn 2, it-Tlieta 3 u l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2009.**
**Nibdew bil-quddiesa mid-9:30 sal -11:00. L-Erbgħa wara l-quddiesa jkollna 'LUNCH', fl-Imperial Hotel.**
**Imexxi Fr Albert Buhagiar, Kappillan tas-Siġġiewi. Ir-Romol kollha huma mħeġġa li ma jitilfux din l-opportunità spiritwali li qed joffrilhom il-Mulej.**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjeta' li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Frar se jixxandar f'dawn id-dati :-1, 8, 15 u 22 fis-19:15 u MHUX fit-20:30.
Nhar il-Ħamis 5 ta' Frar - Forum Annwali għall-*car owners*, delegati morda u distributuri tal-Faraġ.
Ħsieb Spiritwali minn Mons Alwiġ Deguara, Assistent Ekkleżjastiku.
Kelliema Sister Mariella Agius, Psikologu.
Ħin : - fis-6.00 p.m fis-Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

11 ta' Frar:- Jum il-Marid mad-Dinja kollha. Niftakru f'dan il-jum, nitolbu għal ħutna morda u anke nżuruhom !

## Fergħa Xebbiet Adulti

Frar huwa x-xahar ta' San Pawl, Missier il-Maltin, Nitolbuh iżomm idejh fuq Malta tagħna minn kull ħsara u deni.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**Laqgħat ta' Taħriġ lill-Voluntieri**

Is-SAS flimkien mal-Fergħat Adulti A.K b'mod speċjali l-Fergħa Nisa A.K. qegħdin jorganizzaw tlett laqgħat ta' taħriġ fuq temi soċjali biex is-servizz lill-bniedem fil-bżonn ikun kemm jista' jkun tajjeb.
**Il-Ħamis 12 ta' Frar** – *Skills* u ħiliet bażiċi li jistgħu jiġu applikati ma' tfal bi żvantaġġi fis-suġġetti bażiċi fis-sistema edukattiva, bħala parti mill-ħidma pastorali ġewwa l-parroċċi. Leonid McKay –Kordinatur, Qasam Djakonija, Caritas Malta.
**Il-Ħamis,19 ta' Frar -** Il-Ħidma Soċjali mill-Kumpless AĊĊESS ta' l-Aġenzija Appoġġ fil-Birgu u Ħidma fil-Komunita' – Ms Marija Zahra – Social Worker – Kap, Kumpless AĊĊESS, Aġenzija Appoġġ, Birgu.
**Il-Ħamis, 26 ta' Frar –** It-Tqala minn Żgħażagħ Teenagers f'Malta u l-implikazzjonijiet tagħhom. – Tabib Mario Rizzo Naudi – Membru tal-Kulleġġ tat-Tobba tal-Familja.



**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

Il-Ħadd 8 ta' Frar
Fl-okkażoni tas-Sena Pawlina
Liturġija mmexxija mill-Isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex
Fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu l-Belt
U
Katekeżi mibnija fuq seba' ittri ta' San Pawl f'seba'
Knejjes fil-Belt.
In-nies li jidħlu l-Belt bejn it-15:00 u s-19:00 se
Jingħataw mappa fejn se jsiru dawn il-katekeżi u l-liturġija biex ikunu
Jistgħu imorru minn Knisja għal oħra fejn ikunu qegħdin jiġu rripetuti
Minn żmien għal żmien il-katekeżi.

# NOTA

**Dawk kollha li għadhom ma bagħtux ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2008 huma mitluba jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli.**

**Grazzi**
**Natalie Farrugia**
**Amministratur Ġenerali.**



Il-Kumitat għas-Sena Pawlina ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta ħareġ għall-bejgħ żewġ kotba :

Ix-xabla ta' l-Ispirtu ta' Alla – Siltiet mill-Ittri ta' San Pawl għall-Meditazzjoni u t-Talb skond il-Metodu tal-Lectio Divina jinsab għall-bejgħ għal prezz ta' € 4.00 biss u
Min kien Pawlu ta' Tarsu? Ktieb għat-tfal għal prezz ta' € 3.00



li jinsabu għall-bejgħ mill-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika - Floriana

***Jekk trid tagħti rigal b'differenza issibu fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika – Istitut Kattoliku - Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti religjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***



***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''.***
***Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9:00 sa nofsinhar***
***16:00 sas 19:30***
***Is-Sibt – filgħodu biss***
***Tel: 21 237031***
***Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***

## JUM IL-LAJĊI NSARA 2009 HUWA L-ĦADD 15 TA' FRAR

Il-laqgħa ma' Mons. Arċisqof se ssir Il-ĠIMGĦA, 13 ta' Frar 2009, fl-Awditorjum tad-Dar Ċentrali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija fil-Blata l-Bajda, (MUSEUM), mis-18:30 sat-20:00.
Għal lajċi membri fl-Għaqdiet u l-Movimenti, għal-lajċi impenjati fil-ħidma pastorali fil-Parroċċi, fil-ħidma f'Kunsilli, Segretarjati u Kummissjonijiet Djoċesani, fl-Amministrazzjoni fil-Kurja, u fil-Gruppi għall-Implimentazzjoni għall-Sinodu fl-Iskejjel.

a. Talb miktub minn San Ġorġ Preca lill-San Pawl.

b. *Feature* dwar il-Viżta Pastorali.

c. Indirizz qasir mid-Delagat ta' l-Arċisqof għal-Lajċi

d. Diskors mill-Professur Anthony Frendo bit-tema, **'Fi Kristu Ġesù: l-Attitudnijiet Fundamentali tan-Nisrani skond San Pawl"**.

e. Fl-aħħar jindirizza l-Assemblea Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona OP.

f. Waqt il-laqgħa jsir kant minn Fr. Karm Debattista.